Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 01/18

**AVVIŻI**

**07 ta' Jannar 2018**

Nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar niċċelebraw is-Solennità tal-Magħmudija tal-Mulej li tagħlaq il-festi tal-Milied. Il-quddies ikun fil-5.30am, fis-6.15am u fis-6.15pm.

Nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar jerġgħu jibdew il-laqgħat ta' katekeżi fil-MUSEUM u fiċ-Ċentru fil-5pm. Inħeġġu lill-ġenituri jieħdu ħsieb il-formazzjoni spiritwali ta' uliedhom u jressquhom lejn Ġesù anki permezz tal-quddiesa ta' kull nhar ta' Ħadd.

Nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar sa nkunu qegħdin niċċelebraw il-Festa ta' San Publiju flimkien mal-Assoċjazzjoni Publiju ta' Malta fil-parroċċa tagħna. Fid-9.30am titlaq purċissjoni bil-vara ta' San Publiju mill-Knisja ta' San Pawl Milqi u fl-10am issir quddiesa fil-parroċċa.

Kif diġà tħabbar, sa jibda x-xogħol ta' tibjid tal-Knisja. Nirringrazzjaw lill-benefatturi li diġà taw għajnuna finanzjarja jew f'xogħol manwali biex dan il-proġett ikun jista' jibda. L-ispejjeż marbutin ma' dan ix-xogħol huma kbar u għalhekk hija meħtieġa l-għajnuna ta' kulħadd. Grazzi lil dawk li qegħdin jagħtu sehemhom.